MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 489/2005

**Godwin Falzon ( ID 702748 M)**
**Vs**
**Carmelo Caruana (ID 465159 M)**

**It-Tribunal**
Ra l-avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' mitejn u tnax il-Lira Maltin u erbghin cenrtezmu (Lm212.40c) rappresentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema incident l-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-risposta fejn il-konvenut fl-ewwel lok qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident.

Fit-tieni lok il-konvenut qal illi huwa jaccetta illi r-responsabilita ghal-istess incident u ghad-danni konsegwenzjali jigu divizi bejn l-partijiet in kwoti ndaqs. Il-konvenut ikkontesta wkoll dawn il-proceduri fuq din il-bazi skond l-ittra ezebita mmarkata Dok CC1.

Ra d-dokumenti ezebiti.

Ra r-road accident report fejn il-konvenut qal:

“Jiena kont ghaddej il-lane tax-xellug u f’daqqa wahda l-vettura l-ohra issikkatni biex tghaddi fuq il-lemin.”

Bhala hsara kellhu “front bumper”.

Ra illi Elizabeth Falzon qalet kif gej:

“Jiena kont fuq ix-xellug, il-vettura l-ohra fuq il-lemin, u f’daqqa wahda ghafas fuqi, jigifieri hu dahal fuq wara go fih(a).”

Bhala hsara kellha “rear bumper u rear right wing”.

Ra l-Affidavit ta’ Elizabeth Falzon fejn tikkonferma li qalet fir-road accident report. Bhala speed tghid illi kienet ghadejja madwar l-40 kilometru fis-siegha. Tghid illi rat l-ewwel darba l-konvenut meta kienet ma’ genb l-Ambaxxata Libjana.

Tikkonferma li f’hin minnhom il-konvenut naqqas mill-velocita tieghu tant illi hi lahqitu pero dejjem baqat fl-istess lane. Tichad li rat lil-konvenut jixghel l-indicator.

Falzon tghid illi meta waslet qrib il-junction, hasset daqqa fuq in-naha tal-lemin tal-parti ta’ wara tal-vettura taghha.

Ma’ taqbilx mal-verzjoni tal-konvenut u dan ghaliex hi dejjem baqet fil-lane taghha u qatt ma’ kellha l-intenzjoni li tbiddel il-lane.

Ra x-xhieda ta’ Elizabeth Falzon fejn tikkonferma l-Affidavit taghha.

Tghid ukoll illi f’hin minnhom rat il-vettura tal-konvenut quddiemha meta hi kienet fuq ix-xellug pero’ minhabba li l-ispeed taghha kien iktar min dak tal-konvenut ghamlet surpass fuq ix-xellug.

Terga tikkonferma illi l-konvenut biddel il-lane u sar l-impatt. Tichad illi daret iktar fuq ix-xellug ghat-triq ta’ Farsons jew ta’ l-MFSA.

Ra x-xhieda ta’ Carmelo Caruana fejn jghid illi hu kien ghaddej fil-fast lane sejjer fid-direzzjoni sabiex jaqbad il-bypass lejn Gasan Enterprises meta giet Falzon mix-xellug tieghu u sar l-impatt. Jghid illi Falzon gibdet il-bumper tal-vettura tieghu l-barra.

Jikkonferma li wara li hass id-daqqa baqa ftit miexi u waqaf hekk kif muri fl-iskizz. Jghid illi qabel il-habta hu kien wara l-vettura ta’ Falzon.

Fil-kontro-ezami ma’ jaqbilx li hemm imnizzel fir-road accident report u insista illi huwa kien fuq il-lemin u mhux fuq ix-xellug. Jghid illi huwa ried imur fid-direzzjoni tal-Hamrun u mhux lejn Gasan. Jghid ukoll illi hu ra l-ewwel darba l-vettura ta’ Falzon fil-mument tal-habta.

Il-konvenut jghid illi kien ghad fadal tul ta’ xi ghaxar karozzi ghat-traffic lights fejn grat il-habta. Jichad illi dahal hu fil-vettura ta’ Falzon.

Ra illi x-xhieda tal-konvenut hija differenti min dik li ta fir-road accident report.

Fl-istess xhieda l-konvenut qal f’hin minnhom li hu kien wara l-vettura ta’ Falzon filwaqt li fil-kontro-ezami qal illi ra l-ewwel darba l-vettura ta’ Falzon mal-habta. Falzon kellu hsara fuq “rear right wing splashguard u rear bumper”.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut kien unikament responsabbli ghal incident ghaliex il-konvenut ried isuq fir-direzzjoni ta’ l-Hamrun izda kien fuq il-lane tal-lemin. Jirrizulta li l-konvenut naqas li izomm a proper look out meta pprova jigbed lejn ix-xellug tieghu u sab il-vettura tal-attur. Fil-fatt il-konvenut jghid “qabel il-habta jiena kont wara l-karozza (tal-attur)”. Fix-xhieda l-konvenut jghid li dejjem kien fuq il-lemin. Jekk ried isuq fid-direzzjoni ta’ l-Hamrun kellu izomm fuq ix-xellug u mhux fuq il-lemin. Illi

jekk il-konvenut kien fuq il-lemin u ma bidilx lanes ma hemmx spjegazzjoni dwar kif spicca fin-nofs tal-lane tax-xellug tal-karreggjata li tiehu l-vetturi fid-direzzjoni fejn hemm Gasan.

Id-danni ma gewx kontestati u jidhru ragjonevoli.

Ghaldaqstant jichad ir-risposta tal-konvenut u jilqa t-talba attrici u jikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lil attur l-ammont ta’ mitejn u tnax il-Lira Maltin u erbghin cenrtezmu (LM212.40c) bl-ispejjes u bl-imghax mis-16 ta’ Marzu 2005.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------